MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru. 222/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JOSEPH AXIAK bin Saviour u Josephine nee' Mizzi imwieled fit-tletin ta' Lulju 1953 u residenti Blokk D. Flat 1, Triq Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 48753G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH ASCIAK** bin Saviour u Josephine nee' Mizzi imwieled fit-tletin ta' Lulju 1953 u residenti Blokk D. Flat 1, Triq Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 48753G gie

mressaq quddiemha u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli fit-tlettax [13] ta' Awissu 2005 bhala *hawker* f'Ramla Bay – Ramla, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) ta' l-Att Nru. XXXIII ta' l-1998.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Louise Formosa, Hector Scerri u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat d-dokumentazzjoni esibita u cioe d-dokumenti LF u LF 2.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha .

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 51, 77(a)(e), 81, 82(2) tal-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

**Tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH AXIAK hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mija u hamsin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------